**2ta' Diċembru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Alexander Victor Baldacchino

*versus*

Henry Albert Pace għad-ditta "Hugo Pace & Sons"

**Mandat ta' Arrest — Żball fl-Isem.**

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta illi b'mandat ta' arrest personali numru 148/1963 maħruġ minn dik il-Qorti fuq talba tal-konvenut "nomine" kontra Victor Alexander Baldacchino ġie arrestat l-attur, li ma jismux Victor Alexander Baldacchino kif ġie mitlub u maħruġ il-mandat imsemmi, u għaldaqstant l-attur ma hux il-persuna ndikata fl-att tal-mandat — talb illi tiġi dikjrata nulla l-esekuzzjoni tal-mandat tal-arrest fuq ċitat billi ġie arrestat Alexander Victor Baldacchino minflok Victor Alenxader Baldacchino u, in konsegwenza, illi l-Qorti tordna l-immedjat skarċerament tal-attur, b'riserva favur tiegħu tad-danni — bl-ispejjeż kontra l-konvenut "nomine".

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet (fol. 11) li biha l-konvenut issottometta illi ċ-ċitazzjoni ma hix fil-forma li trid il-liġi għaliex ma saretx talba għal dikjarazzjoni essenzjali preordinati għad-domanda, u għalhekk talab li jiġi liberat "ab

observantia"; salvi eċċezjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat l-attijiet tal-kawża fl-ismijiet Henry Albert Pace vs. Victor Alexander Baldacchino deċiża minn dik il-Qorti fid-19 ta' Frar, 1963, u l-mandat tal-arrest personali fl-istess ismijiet (Nru. 148 tal-1963).

Rat is-sentenza tal-Qorti fuq imsemmija li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut "nomine" bl-ispejjeż kontra tiegħu u ġie ordnat illi t-trattazzjoni tal-kawża titkompla fil-meritu tagħha — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

Omissis . . . . . . . .

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut "nomine" u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza, billi tiġi milqugħa l-imsemmija eċċezjoni preliminari u huwa jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta ta' l-attur fejn talab illi l-istess sentenza tiġi konfermata, bl-ispejjeż.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat.

Il-fatti li taw lok għal kawża huma fil-qosor dawn: il-konvenut "nomine" ottiena sentenza għal kanonizzazzjoni ta'

kreditu kontra "Victor Alexander" Baldacchino. In esekuzzjoni ta' dik is-sentenza l-istess konvenut "nomine" talab u ottiena l-ispedizzjoni ta' mandat ta' arrest personali kontra l-istess "Victor Alexander" Baldacchino u in esekuzzjoni ta' dak il-mandat ġie arrestat l-attur. Dana, bl-odierna ċitazzjoni, qiegħed jitlob li tiġi dikjarata n-nullita ta' l-esekuzzjoni ta' dak il-mandat in kwantu ġie esegwit fuq il-persuna tiegħu billi hu mhux "Victor Alexander" Baldacchino imma "Alexander Victor" Baldacchino, u, kwindi, fil-fehma tiegħu, persuna diversa minn dik li kontra tagħha dak il-mandat kellu jiġi esegwit.

Il-konvenut "nomine" jippretendi li l-attur imissu talab, qabel ma fformula t-talba għan-nullita ta' l-esekuzzjoni tal-mandat, id-dikjarazzjoni li hija nulla s-sentenza li in esekuzzjoni tagħha ġie spedit l-istess mandat, u dan għaliex, fil-fehma tiegħu, ma tista' qatt tiġi mitluba dikjarazzjoni dwar mandat spedit in esekuzzjoni ta' sentenza u konformement għaliha mingħajr ma tiġi nvoluta dik l-istess sentenza.

Il-fehma tal-konvenut "nomine" hi, pero, manifestament erronea, u jibasta, biex dana jiġi dimostrat, illi wieħed jirrifletti li l-attur jippretendi, u fuq dina l-pretensjoni hu qiegħed jibbaża l-istanza tiegħu odierna, li hu mhux dik il-persuna li ġġib l-isem ta' "Victor Alexander" Baldacchino li kontra tagħha ġiet ottenuta l-imsemmija sentenza, u allura hu ma għandu l-ebda nteress f'dik is-sentenza; imma hu iva interessat fl-esekuzzjoni tagħha permezz tal-mandat fuq imsemmi għaliex ġiet bih kolpita l-persuna tiegħu, diversa minn dik li kontra tagħha dak il-mandat ġie sewwa spedit in esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenz u unikament għal din irraġuni. L-attur ma ppretendix li l-mandat huwa null għaliex hija nulla l-imsemmija sentenza. Kull kwistjoni dwar il-validita o meno ta' dik is-sentenza ma tinteressahx għal issa

appuntu għaliex hu jippretendi li ma ġietx pronunċjata kontra tiegħu imma kontra "Victor Alexander" Baldacchino, persuna diversa minnu, u għal istess raġuni għal issa lanqas ma jimpurtah li l-mandat ġie spedit kontra "Victor Alexander" Baldacchino. Hu qiegħed biss jattakka dak il-mandat għaliex *ġie esegwit* kontra tiegħu fil-waqt li kien ġie spedit kontra persuna oħra, u mhux għaliex ġie attentat *in* esekuzzjoni ta' sentenza nulla, u dina hi r-raġuni l-għaliex f'dan il-kas mhiex neċessarja t-talba għad-dikjarazzjoni tan-nullita ta' dik is-sentenza.

Jekk il-konvenut "nomine" jippretendi li l-attur hu l-istess bniedem li kontra tiegħu ġie spedit il-mandat fuq imsemmi u ġiet pronunċjata l-imsemmija sentenza, sebbene erroneament indikat fl-isem tiegħu, u jistgħu għalhekk jinqalgħlawlu l-inkonvenienti li hu elenka fil-petizzjoni tiegħu jekk *tiġi* revokata l-esekuzzjoni tal-mandat għar-raġuni akkampata *mill-attur*, u *intant tibqa' sseħħ* is-sentenza, dana ċertament wieħed m'għandux jippretendi li għandu jarah u jirimedjah l-attur, *imma għandu jaħseb* fih u jġib ir-rimedju opportuni, jekk għandu skond il-liġi, il-konvenut "nomine".

Għal dawn il-motivi, u għal dawk ta' l-ewwel Qorti in kwantu kompatibbili, tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra i-konvenut "nomine" appellanti u tordna l-atti jiġi rimessi lill-ewwel Qorti għal kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-kawża